TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 118/13/GB

**Josianne Vella Bongailas u Simon Vella**

**vs**

**Caprice Glass Works**

Illum 6 ta' Novembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Gunju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' mitejn hamsa u hamsin Ewro (€255.00)) rapprezentanti l-prezz li huma hallsu lis-socjeta' ntimata ghal hgiega ta' bieba ta' kcina, liema hgiega kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu ordnaw hgiega bid-dizinn fil-genb ta' bieba ta' kcina minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' mitejn hamsa u hamsin Ewro (€255.00). Peress illi kienet tiswa mhux hazin, is-socjeta' ntimata ftehmet illi twahhal il-hgiega fil-frame ta' l-injam minghajr installation charges. Ir-rikorrenti marru ghall-hgiega fejn indunaw illi sabiex il-lavrant iwahhalha fl-injam huwa beda jissikka hafna l-viti tal-bsaten. Ir-rikorrenti hallsu lis-socjeta' ntimata u hadu l-hgiega. Kif waslu d-dar, huma poggew il-hgiega fuq is-sodda, pero' wara nofs siegha, huma semghu hoss ta' hgieg jinkiser, fejn sabu li l-hgiega kienet faqqet wahidha.

Meta r-rikorrenti lmentaw, is-socjeta' ntimata qaltilhom illi ma setghat taghmel xejn dwar dan. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti hadu l-hgiega ghand terza persuna, liema terza persuna kkonfermat illi l-hgiega kienet twahhlet hazin.

Ir-rikorrenti ezebew id-dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir- rikorrenti konsumaturi, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mitejn hamsa u hamsin Ewro (€255.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**